MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 378/2007

**Fl-atti ta` l-ittra ufficjali numru 5849/07 datata 17 ta` Ottubru, 2007 fl-ismijiet:**

**Brian Baldacchino**

**Vs**

**Doris Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li esponiet bir-rispett u kkonfermat bil-gurament illi r-rikorrenti Doris Saliba giet notifikata bl-ittra ufficcjali sucitata fit-8 ta` Novembru, 2007.

Illi l-ittra ufficjali *de quo* saret taht id-dispozittiv ta` l-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 biex il-kambjali in kwistjoni jigu rezi ezekuttivi.

Illi skond id-dispozittiv ta` l-artiklu 253 ta` l-Kap. 12, fil-proviso tieghu, hemm provdut li l-ittra ufficcjali msemmija "ghandha, taht piena ta` nullita`, tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu minn dan il-proviso" u cioe` li tavza lid-debitur, fi zmien ghoxrin gurnata minn notifika ta` l-ittra ufficcjali ghandu d-dritt li jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali minhabba ragunijiet imsemmija fil-proviso stess.

Illi, kif tista` tikkonstata din il-Qorti, l-ittra ufficcjali in kwistjoni hija monka billi mkien ma tavza lid-debitur b`dan il-jedd u kwindi l-ittra ufficcjali hija nulla ai termini ta` l-istess proviso.

Talbet umilment li din il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha mehmuza ma` l-istess ittra ufficcjali ghar-ragunijiet fuq imsemmija, salv kull provvediment li jidhrilha xieraq tordna din il-Qorti u dan a tenur tal-proviso ta` l-artikolu 253 tal-Kap. 12.

Rat id-digriet taghha preliminari moghti fit-28 ta` Novembru, 2007.

Rat l-atti kollha ta` l-istess rikors specjalment il-kopja ta` l-ittra ufficcjali in ezami kif ukoll dak verbalizzat f`isem is-socjeta intimate waqt is-seduta tal-5 ta` Dicembru, 2007.

Ikkunsidrat

Illi mill-kopja ta` l-ittra ufficcjali imsemmija u ezebita "in atti" jidher car illi fiha ma giex imnizzel l-avviz citat fir-rikors promotur u dan bi ksur ta` l-artiklu 253 proviso u ghalhekk l-istess ittra ufficcjali ghandha tigi ritenuta bhala ineffikaci sabiex tirrendi ezekuttivi, il-kambjalijiet annessi maghha.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li ssir referenza wkoll ghal dak verbalizzat fis-seduta hemm fuq imsemmija, minn fejn jidher li s-socjeta` intimata ma hiex bi hsiebha li tipprocedi ghall-ezekuzzjoni ta` l-ittra ufficcjali in esami (ittra ufficcjali numru 5849/07).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti u tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha mehmuza ma` l-istess ittra ufficcjali.  In rigward l-ispejjez dawn jithallsu mill-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------